

# Qima Antika lejn San Sebastjan fil-Belt Vittoriosa

**Kitba ta' Lorenzo Zahra**

San Sebastjan, qaddis Martri li ħalla ħajtu għat-twemmin fi KRISTU bħala l-IBEN TA' ALLA kien qaddis magħżul mill-insara ta' l-imgħoddi bħala qaddis li lejh kienu jirrikorru l-insara milquta minn mard ta' epidemji.

Mal-bidu tas-seklu sittax qrib is-sena 1519 wara epidemja fil-Birgu ġa kienet tidher kappella żgħira ddedikata lil San Sebastjan. Kienet tinsab fil-post imlaqqam "Ras il-Knejjes" billi kien hemm għadd ta' knejjes żgħar u midfna. L-epidemji ma kinux jonqsu spiss tant li fl-1523 saret kappella oħra fl-Imdina.

Billi dik il-ħabta wkoll sar bini ta' knisja ġdida lil San Lawrenz, mal-faċċata kienet tqiegħdet statwa tal-qaddis protettur kontra l-pesta San Sebastjan.

Mill-Vista ta' Mons. Duzzina fl-1575, dan il-prelat żar il-Knisja ta' San Sebastjan u sab li barra l-altar maġġur bil-kwadru tal-qaddis kien hemm żewġ altari wieħed tal-Madonna ta' Iskia u l-ieħor ta' San Krispin u Krispinjanu. Il-Prelat ra li dawn iż-żewġ altari kienu żarmati u ordna li jitneħħew, però waqt Vista Pastorali ta' wara l-altari kienu għadhom hemm.



*Pittura li żżejjen il-Knisja Parrokkjali li turi lil San Pawl, San Bastjan u Santu Rokku, flimkien mal-Madonna, bħala protetturi tal-marda tal-pesta. Din hija xogħol tas-seklu 16 magħmula minn Filippo Paladini. Il-festi ta' San Pawl u ta' San Bastjan jiġu ċċelebrati fix-xhur ta' Jannar u Frar.*

Il-Knisja ta' San Sebastjan kienet tinsab fl-inħawi fejn issa jinsab il-kampnar l-antik tal-knisja qrib il-Kappella ta' Santa Katarina. Kien jieħu ħsieb il-Knisja ta'San Sebastjan ċertu Sigismondu Ciantaro. Ħdejn il-knisja kien hemm ġnien u dan Sigismondu talab li jakkwistah b'ċens perpetwu. Allura saret stima minn Indri Blancas u Filippu Cilia. Wara li ġie konfermat

kollox minn Ruma sar ftehim quddiem ix-xhieda. Il-ftehim sar mal-Kappillan ta' San Lawrenz li kien Dun Anton Vassallo u Sigismondo intrabat li jobliga ruħu li jieħu ħsieb jagħmel kwadru ġdid ta' San Sebastjan, jixgħel il-lampier quddiem ix-xbiha u li jagħmel festa bil-Vespri u quddiesa nhar il-festa f'Jannar. L-Isqof Gargallo fl-1584 bena Knisja tal-Madonna ta' Monserrat minflok il-Knisja ta' San Sebastjan, għalhekk lil San Sebastjan bnielu knisja żgħira qrib is-Sagristija li dak iż-żmien kienet fejn illum tinsab il-Kappella tas-Sagrament. Għalhekk mill-Vista Pastorali ta' Mons. Gargallo ta' l-1598 nafu b'din il-Kappella ta' San Sebastjan li billi kienet baxxa kienet imsejħa "Il Grotta ta' San Sebastjan."

Il-kappella kienet invistata fil-Vista Pastorali ta' Mons. Balaguer fl-1635 u jidher li baqgħet issir il-festa u l-qima lejn il-qaddis sakemm kienet imwaqqfa b'legat Scicluna. Fil-vista Pastorali ta' Mons. Molina fl-1679 ix-xbiha ta' San Sebastjan kienet miżmuma b'lampier tal-fidda jixgħel quddiemha u kienet baqgħet issir il-festa f'Jannar.

Ġara iżda meta fl-aħħar tas-seklu 17 kien qed isir it-tkabbir tal-Knisja ta' San Lawrenz li fiha kien hemm imwaqqfa Fratellanza antika ta' Santu Rokku, Dun Luqa Rosso li ħa ħsieb il-bini tal-knisja ried li fil-post tinbena kappella bħala parti mill-knisja. Għalhekk huwa offra daru li kienet ħdejn il-Knisja ta' San Nikola fil-pjazza sabiex bid-dħul tal-kera minnha fil-kappella l-ġdida tibqa' ssir il-festa b'ġieħ San Sebastjan. Sar kuntratt b'dan il-għan għand in-Nutar Pietru Pace fl-20 ta' Lulju 1691 li fih deher l-Kappillan Dun Patist Cassar, Ippolito Novantieri u Lorenzo Gafà (l-arkitett).

Allura inbniet kappella u fiha tqiegħdet ikona sabiħa tal-pittur Filippu Paladin. Dan il-kwadru juri lil San Pawl, San Rokku u San Sebastjan u kien sar qabel is-sena 1615 u wieħed jifhem li kien f'idejn il-Fratellanza ta' Santu Rokku li kienet imwaqqfa snin qabel fil-Parroċċa San Lawrenz.

Fis-sena 1786, minflok il-Kappella ta' Santu Rokku u s-sagristija li darba kienet parti mill-grotta ta' San Sebastjan ġiet mibnija il-Kappella tas-Santissimu Sagrament allura l-kwadru ta' l-altar tal-Paladin tqiegħed fil-Kappella ta' Santa Katarina u sar kwadru b'pittura ta' San Sebastjan xogħol tal-pittur Ghawdxi Busuttil u tqiegħed proprju fejn darba kienet il-grotta ta' San Sebastjan.

## Referenzi:

Vis. Past Duzzina 1575: Garpallo 1598: Balaguer 1635.
Vis. Past Molina 1679: Leħen is-Sewwa 5/3/2932 J. Porsella Flores.